MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2003

Numru 743/2003

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs
Christopher Caruana

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Christopher Caruana, detentur tal-karta tal-identita Nru 589583(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar l-4 ta’ Settembru 2003 ghall-habta ta’ 4.00a.m. minn gewwa Swieqi u nhar it-2 ta’ Settembru 2003 ghall-habta tad-9.30p.m. gewwa Pembroke ittanta li jikkommetti serq minn gewwa Flat B, Triq il-Gizimin Swieqi u 158 Triq Luigi Billion Pembroke ghad-dannu ta’ Elena Raph u Christine Teresa Rita Vella rispettivament, liema attentat ta’ serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u huwa aggravat bil-hin u bil-valur u dan ai termini tal-artikoli

41(1)(a), 261, 267, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess lok, dati, hinijiet u taht l-istess cirkostanzi bil-hsieb li jikkommetti reat ezercita dritt li jippretenti li ghandu minghajr il-kunsens tas-sidien tal-fond Flat B, Triq il-Gizimin Swieqi u 158 Triq Luigi Billion Pembroke u dan ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess lok, dati, hinijiet u taht l-istess cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta’ Raph Elena u Christine Teresa Rita Vella u dan ai terminu tal-artikolu 340(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fid-9 ta’ April, 2000 gewwa Mensija Road San Giljan ghall-habta ta’ 2.00a.m. ittanta li jikkommetti serq minn fuq il-persuna Giovanna Antida Portelli minn San Giljan, liema attentat ta’ serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u huwa aggravat bil-hin u bil-vjolenza u dan ai termini tal-artikoli 41(1)(a), 261, 262 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni;

Issibu hati u dan wara illi l-Qorti spjegatlu l-import ta’ l-ammissjoni tieghu skond il-Ligi u taghtu zmien xieraq biex jikkonsidra riedx jirtira l-ammissjoni u l-imputat baqa’ itenni li kien hati;

Il-Qorti rat l-Artikoli 85, 41(1)(a), 261(c), 261(f), 267, 270, 280, 281, 340(d), 262, 276, 277, 31 u 17 tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta u ikkopera mal-pulizija, pero’ ikun ghaqli illi jigi segwit minn Ufficjal tal-Probation u ghalhekk peress illi prigunerija mhix idonea ghall-akkadut il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 qeghda taghmel ordni ta’ probation li permezz tieghu tqieghed lill-hati that is-sorveljanza ta’ Ufficjal tal-‘probation’ illi ghandu

jigi assenjat skond il-Ligi u dan ghall-perjodu ta’ tlett snin mil-lum;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta’ dan l-ordni u tiddikjara li qeghda minnufih ghati kopja ta’ din l-ordni lill-hati u lid-Direttur li ghandu jassenja ufficjal tal-probation ghall-hati;

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta’ din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikoli 401 (3) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------